

31997R2405

L 332/32

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

4.12.1997

**IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 2405/97  
tat-8 ta' Diċembru 1997**

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2125/95 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni tal-kwoti tat-tariffa  
għall-faqqiegħ *Agaricus* ippriservat**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/96 tat-28 ta' Ottubru 1996 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti pproċessati mill-frott u mill-ħxejjex ta' l-ikel <sup>(1)</sup>, kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 2199/97 <sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 15(1) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3066/95 tat-22 ta' Diċembru 1995 li jstabbilixxi ċerti konċessjonijiet fil-għamla ta' kwoti Komunitarji tat-tariffa għal ċerti prodotti agrikoli u li jipprovdi għall-aġġustament, bħala miżura awtonoma u transitorja, ta' ċerti konċessjonijiet agrikoli pprovvduti fil-Ftehimijiet Ewropej sabiex iqisu n-Negozjati Multilaterali Kummerċjali tar-Round ta' l-Urugwaj <sup>(3)</sup>, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1595/97 <sup>(4)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 8 tiegħu,

Billi l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2125/95 <sup>(5)</sup>, kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 2723/95 <sup>(6)</sup>, jipprovdi li l-kwoti jiġu mqassma bejn l-importaturi tradizzjonali u importaturi ġodda u jiddefinixxi ż-żewġ kategoriji ta' importaturi; billi l-esperjenza fuq numru ta' snin ta' l-applikazzjoni ta' l-iskema turi illi l-kriterji għall-eliġibbiltà għandha tintgħamel iktar rigoruża sabiex tirrestrinġi l-applikazzjonijiet għall-impriżi li jimportaw u jesportaw il-frott u l-ħxejjex ta' l-ikel ipproċessati; billi għandu jkun hemm ukoll perjodu transitprju taż-żmien qabel ma tiġi applikata din id-disposizzjoni għall-importaturi tradizzjonali;

Billi l-Anness I mar-Regolament (KE) Nru 2125/95 għandu jiġi emendat sabiex jaġġusta l-kwoti tal-kwantitajiet il-ġodda indikati fl-Annessi VI, II u V, rispettivament, mar-Regolament (KE) Nru 3066/95; billi, madankollu, dawn il-kwoti jridu jissoktaw jiġu amministrati skond is-sena kalendarja u mhux mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' Ġunju, filwaqt li jitqies illi għall-pajiżi terzi il-kwantitajiet allokatu għas-sena 1997 diġà ntużaw kollha sa mit-2 ta' Jnnar 1997, kif indikat fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 8/97 <sup>(7)</sup>;

Billi l-prodotti li jidħlu fil-kodiċi tan-NM 0711 90 60, li jkopru ċerti priservi tal-faqqiegħ mhux tat-tip *Agaricus* ġew miżjuda mal-kwota Pollakka għall-faqqiegħ *Agaricus* ippriservat fl-Anness II mar-Regolament (KE) Nru 3066/95; billi r-Regolament (KE) Nru 2125/95 għandu jiġi emendat sabiex dawn il-prodotti jkun jistgħu jiġu importati wkoll bir-rata preferenzjali tat-tariffa;

Billi d-Deċizzjoni Nru 1/97 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, l-assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Bulgarija <sup>(8)</sup>, tal-Polonja <sup>(9)</sup> u t tar-Rumanija <sup>(10)</sup>, min-naħa l-oħra, temenda l-Protokoll 4 mal-Ftehimijiet dwar l-Ewropa mal-Bulgarija <sup>(11)</sup>, il-Polonja <sup>(12)</sup> u r-Rumanija <sup>(13)</sup> b'effett rispettiv mill-1 ta' Jannar, l-1 ta' Lulju u l-31 ta' Jannar 1997; billi għandha tiġi emendata kif jixraq il-prova ta' l-oriġini tal-prodotti importati;

Billi għandhom iġu mħassra ċerti disposizzjonijiet transitorji li ma għadhomx jgħoddu tar-Regolament (KE) Nru 2125/95;

Billi l-miżuri pprovvduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tal-Ġestjoni tal-Prodotti Proċessati mill-Frott u mill-ħxejjex ta' l-ikel,

ADOZZAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 2125/95 huwa emendat kif ġej:

1. Il-kelma "*Agaricus*" hija mħassra minn dan it-Titolu;
2. L-Artikolu 1 jiġi mibdul b'dan li ġej:

*"Artikolu 1*

1. Il-kwoti tat-tariffa għall-faqqiegħ *Agaricus* ippriservat li jidħol fil-kodiċijiet tan-NM 0711 90 40, 2003 10 20 u

<sup>(1)</sup> ĠU L 297, tal-21. 11. 1996, p. 29.

<sup>(2)</sup> ĠU L 303, tas-6. 11. 1997, p. 1.

<sup>(3)</sup> ĠU L 328, tat-30. 12. 1995, p. 31.

<sup>(4)</sup> ĠU L 216, tat-8. 8. 1997, p. 1.

<sup>(5)</sup> ĠU L 212, tat-12. 9. 1995, p. 16.

<sup>(6)</sup> ĠU L 283, tal-25. 11. 1995, p. 12.

<sup>(7)</sup> ĠU L 4, tat-8. 1. 1997, p. 3.

<sup>(8)</sup> ĠU L 134, ta' l-24. 5. 1997, p. 1.

<sup>(9)</sup> ĠU L 221, tal-11. 8. 1997, p. 1.

<sup>(10)</sup> ĠU L 54, ta' l-24. 2. 1997, p. 1.

<sup>(11)</sup> ĠU L 358, tal-31. 12. 1994, p. 3.

<sup>(12)</sup> ĠU L 348, tal-31. 12. 1994, p. 2.

<sup>(13)</sup> ĠU L 357, tal-31. 12. 1994, p. 2.

2003 10 30, u l-faqiegh ippriservat ta' genera oħra li jidħol fil-kodiċi tan-NM 0711 90 60 li jriġina fil-Polonja, muri fl-Anness I għandhom ikunu miftuħa mingħajr preġudizzju għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament.

2. Ir-rata tad-dazju li tapplika għandha tkun ta' 12 % *ad valorem* fil-każ tal-prodotti li jidħlu fil-kodiċi tan-NM 0711 90 40 (Nru tas-Serje 09.4062) u ta' 23 % fil-każ tal-prodotti li jidħlu fil-kodiċijiet tan-NM 2003 10 20 u 2003 10 30 (Nru tas-Serje 09.4063). Madankollu, għandha tapplika r-rata waħdanija ta' 8,4 % fil-każ tal-prodotti ta' hawn fuq li joriġinaw fil-Bulgarija (Nru tas-Serje 09.4725) jew fir-Rumanija (Nru tas-Serje 09.4821), u għall-prodotti li jidħlu fil-kodiċi tan-NM 0711 90 60 (Nru tas-Serje 09.4821) li joriġinaw fil-Polonja.

3. Għall-importazzjonijiet bejn l-1 ta' Lulju u l-1 ta' Diċembru 1997, ir-rata ta' l-applikazzjoni ta' 8,4 % fil-każ tal-prodotti li jidħlu fil-kodiċi tan-NM 0711 90 60 li joriġinaw fil-Polonja ma għandhiex tkun bla ħsara għall-kondizzjonijiet riferiti fl-Artikolu 2 ta' hawn taħt, Madankollu, sabiex tiġi applikata din ir-rata, trid tiġi sottomessa applikazzjoni qabel il-31 a' Jannar 1998.”;

3. L-Artikolu 2(2) jiġi mibdul b'dan li ġej:

“2. Fil-każ ta' pajjiżi għajr il-Bulgarija, il-Polonja u r-Rumanija, il-kwoti għandhom jiġu allokati fost il-pajjiżi fornituri skond l-Anness I, għajr għal parti minnhom li għandha tikkostitwixxi riserva. L-allokazzjoni tista' tiġi aġġustata fuq il-bażi tat-tagħrif li jirrigwarda l-kwantitajiet li għalihom ikunu nħarġu l-liċenzi sat-30 ta' Ġunju.”;

4. L-Artikolu 2(3) jiġi mħassar.

5. L-Artikolu 4(1) jiġi mibdul b'dan li ġej:

“1. Iż-żewġ kwantitajiet, jiġifieri dik allokata liċ-Ċina minn banda waħda u dik allokata lill-pajjiżi l-oħra kollha bl-eċċezzjoni taċ-Ċina mill-banda l-oħra skond l-Anness I għandhom jiġu mqasma kif ġej:

(a) 85 % lill-importaturi tradizzjonali.

‘Importaturi tradizzjonali’ tfisser l-importaturi li jkunu kisbu liċenzi ta' l-importazzjoni skond ir-Regolament (KEE) Nru 3107/94 jew skond dan ir-Regolament f'kull waħda mit-tliet snin kalendarji ta' qabel jew li importaw il-prodotti riferiti fl-Artikolu 1(1) f'mill-inqas tnejn mit-tliet snin kalendarji ta' qabel. Mill-1 ta' Jannar 1999, l-importaturi jridu wkoll iforni prova illi jkunu importaw ukoll u/jew esportaw mill-inqas 100 tunnellata metrika ta' prodotti pproċessati mill-frott jew mill-ħxejjex ta' l-ikel, kif riferit fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/96 (\*), matul is-sena li tiġi qabel l-applikazzjoni tagħhom.

(b) 15 % lill-importaturi l-ġodda.

‘Importaturi ġodda’ tfisser importaturi oħra għajr daww riferiti fil-(a) li huma negozjanti, persuni naturali jew legali, individwi jew gruppi li jkunu importaw u/jew esportaw mill-inqas 50 tunnellata metrika ta' prodotti mill-frott u mill-prodotti ta' l-ikel, kif riferit fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (KE) Nru 2201/96, f'kull waħda mis-sentejn ta' qabel. Il-konformità ma' din il-kondizzjoni għandha tiġi ċċertifikata f'reġistru tal-kummerċ miżmum mill-Istat Membru jew b'kull prova oħra aċċettata mill-Istat Membru u bi prova ta' l-importazzjoni u/jew l-esportazzjoni. Meta l-importaturi ta' din il-kategorija jkunu kisbu l-liċenzi ta' l-importazzjoni skond dan ir-Regolament, fis-sena kalendarja ta' qabel, iridu juru prova li jkunu ħarġu fiċ-ċirkolazzjoni ħielsa, fisimhom, mill-inqas 50 % tal-kwantità allokata lilhom.

(\*) ĠU L 297, tal-21.11.1996, p.29.”;

6. il-paragrafu 4 li ġej jiġi miżjud ma' l-Artikolu 4:

“4. Minkejja l-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 3719/88, id-drittijiet li joħorġu mill-liċenzi ta' l-importazzjoni ma għandhomx ikunu trasferibbli.”;

7. jizded il-paragrafu li ġej ma' l-Artikolu 4:

“5. Il-Kaxxa 20 ta' dawn l-applikazzjonijiet għall-importazzjoni għandu jkun fiha wieħed minn dan li ġej, skond kif japplika:

— ‘Liċenza applikata għaliha skond l-Artikolu 4(1)(a) tar-Regolament (KEE) Nru 2125/95’;

jew

— ‘Liċenza applikata għaliha skond l-Artikolu 4(1)(b) tar-Regolament (KEE) Nru 2125/95’”;

8. L-Artikolu 5(1) jiġi mibdul b'dan li ġej:

“1. L-applikazzjonijiet għal-liċenzi sottomessi mill-importaturi tradizzjonali kif riferit fl-Artikolu 4(1)(a) jistgħu ma jkollhomx x'jaqsmu, f'kull perjodu taż-żmien ta' sitt xhur, ma' kwantità li taqbeż is-60 % tal-kwantità medja ta' kull sena ta' l-importazzjonijiet effettwati skond ir-Regolament (KE) Nru 3107/94 jew dan ir-Regolament matul it-tliet snin kalendarji ta' qabel.”;

9. L-Artikolu 10(3) jiġi mibdul b'dan li ġej:

“3. Skond il-Protokoll 4 tal-Ftehimijiet dwar l-Ewropa, il-prodotti li joriġinaw fil-Bulgarija, il-Polonja u r-Rumanija għandhom jiġu rrilaxxjati fiċ-ċirkolazzjoni ħielsa fil-Komunità mal-preżentazzjoni ta' ċertifikat EUR.I maħruġ mill-awtoritajiet ta' dawn il-pajjiżi jew dikjarazzjoni mogħtija mill-importatur jew fattura.”;

10. l-Artikolu 11(2) jiġi mibdul b'dan li ġej:

*Artikolu 2*

“2. L-applikazzjonijiet għall-liċenzi u l-liċenzi ta' l-importazzjoni għandhom jinkludu l-pajjiż ta' l-orijini fil-kaxxa 8 u l-kelma 'iva' immarkata b'salib.”;

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

11. l-Anness I huwa mibdul bl-Anness ma' dan ir-Regolament.

Għandu jibda japplika b'effett mill-1 ta' Lulju 1997, bl-eċċezzjoni ta' l-Artikolu 1 minn (5) sa (8) u (10), li għandu jibda japplika mill-1 ta' Jannar 1998.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, fit-3 ta' Diċembru 1997.

*Għall-Kummissjoni*

Franz FISCHLER

*Membru tal-Kummissjoni*

---

## ANNEX

## "ANNEX I

**L-allokazzjoni riferita fl-Artikolu 2 (piż nett imsoffi mill-ilma)***(tunnellati metriċi)*

Il-Pajjiżi fornituri	Mill-1 ta' Lulju sal 31 ta' Diċembru 1997	Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 1998	Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 1999	Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2000.	Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru tas-snin sossegwenti
Il-Bulgarija	770	1 575	1 645	1 715	1 750
Il-Polonja <sup>(1)</sup>	19 140	39 150	40 890	42 630	43 500
Ir-Rumanija	220	450	470	490	500
Iċ-Ċina	0	22 750	22 750	22 750	22 750
Oħrajn	0	3 290	3 290	3 290	3 290
Ir-Riserva	0	1 000	1 000	1 000	1 000
It-Total	20 130	68 215	70 045	71 875	72 790

<sup>(1)</sup> Inklużi l-prodotti li jidħlu fil-Kodiċi tan-NM 0711 90 60"